MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 792/2003

**Fairs & Exhibitions Limited**

**vs**

**Toys 'N Kids Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta' April, 2003 fejn intalab il-hlas ta' mija hamsin lira Maltija (Lm150.00) rappresentanti bilanc fuq Osma akbar bhala "participation fee" fil-"Back To School Fair" tas-sena 2000;**
**Bl-imghax u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra legali tas-6 ta' Frar, 2003, kontra s-socjeta` konvenuta, ingunta ghas-subizzjoni.**

**Ra li s-socjeta` konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma deher rappresentant taghha.**

**Semgha x-xhieda ta' Pierre Carabott, Marketing Manager tas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-artikolu 13(b) tal-Kap.380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u hamsin lira Maltija bl-imghax legali mis-26 ta' April, 2003.**
**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra legali tas-6 ta' Frar, 2003, ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` konvenuta.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------